# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 12 ta' Diċembru 2024**

**Rikors ġuramentat numru 462/2024AB fl-ismijiet:**

**Joseph Bonnici (ID 363471M) f'isem u in rappreżentanza tas-Soċjeta tad-Duttrina Nisranija (vulgo MUSEUM).**
**vs.**
**Christian Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **Joseph Bonnici nomine** li permezz tiegħu, ippremetta li s-Soċjeta tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) kienet proprjetarja ta' siti adjaċenti f'San Pawl il-Baħar li kienu jiffurmaw parti mill-artijiet denominati "Tal-Imgħażel" Imsejħa "Ta' Ħabel Qara'" kif ukoll ta' porzjon ta' strixxa art kontigwa għal dik fuq imsemmija.

Fis-sena 2018 il-konvenut kien talab lis-Soċjeta attriċi rappreżentata mir-rikorrent nomine sabiex tagħmillu pjeċir u tħallih jipparkja l-vettura Mistubishi Pajero li kienet tappartjeni lil missieru f'parti mill-għalqa li kienet tifforma parti mill-art iżjed il-fuq imsemmija. Dan kien ippremetta li kellu jkun għal żmien qasir in kwantu kienet skadietlu l-liċenza tagħha. Is-Soċjeta attriċi kienet ħallietu jagħmel dan dment li dan ikun għal żmien qasir.

Ġara pero li l-konvenut, li kien mekkanik, mhux talli ħareġ minn din l-għalqa f'qasir żmien talli kompla jdaħħal iżjed vetturi fiha kif ukoll beda

jaħdem fuqhom hemmhekk.  Kien beda wkoll ibiddel iċ-ċwievet tal-grada li tagħti għall-art in kwistjoni.

Is-Soċjeta attriċi insistiet miegħu sabiex joħroġ minn hemm għax kellha bżonn l-istess għalqa.  Hija interpellatu b'ittra legali u ittra uffiċjali. Minkejja li l-konvenut kien stqarr li kellu joħroġ minn hemm, huwa baqgħa inadempjenti.

Is-Soċjeta attriċi premettiet ukoll li l-konvenut ma kellu ebda titolu validu għall-istess art kif ukoll ma kellu ebda jedd li jibqa' jokkupaha.

Is-Soċjeta attriċi saħqet li l-konvenut ma kellu ebda eċċezzjoni li setgħa jagħti kontra t-talba tagħha biex jiżgombra mill-art in kwistjoni.

Ir-rappreżentant tas-Soċjeta attriċi ikkonferma wkoll li huwa kien jaf b'dawn il-fatti personalment.

Għar-ragunijiet fuq imsemmija, ir-rikorrent nomine talab lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi ordni li jidhrilha xieraq u opportun li :

(1) tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-art. 167 et tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u
(2) tikkundanna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti jiżgombra u jħalli liberu u vojt għaf-favur tas-Soċjeta rikorrenti l-għalqa formanti parti mill-artijiet denominati "Tal-Imgħażel" Imsejħa "Ta' Ħabel Qara'" kif ukoll ta' porzjon ta' strixxa art kontigwa għal dik fuq imsemmija.

BI-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 30 ta' Awissu 2023 kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-proċedura tal-iżgumbrament u l-mandati relattivi li jaf ikunu jridu jinħarġu, l-ispejjeż biex tiżżarma l-għalqa kif ukoll l-ispejjeż marbutin maż-żamma tal-oġġetti u vetturi li jafu li ma jinġabrux mill-għalqa u li jkollhom jiġu miżmuma temporanjament a spejjeż tas-Soċjeta attriċi.

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-seduta tat-28 ta' Novembru 2024 u matulha l-konvenut ma deherx biex jiddikjara jekk kienx qiegħed jikkontesta l-presupposti formali tal-proċedura sommarja speċjali fuq il-bażi ta' inapplikabilita jew irregolarita, jew iressaq argumenti għaliex setgħa kellu eċċezzjoni prima facie sabiex jopponi t-talba.

Semgħet lil Joseph Bonnici jixhed viva voce fejn ikkonferma li l-konvenut kien għadu qiegħed jokkupa l-istess art kif ukoll li ma kien wera ebda intenzjoni li joħroġ minn din l-għalqa kif kien stqarr li kien sejjer jagħmel. Anzi meta Bonnici mar ikelmu bil-kelma t-tajba, il-konvenut kelmu bl-herra u sfidah iġib lil Qorti.

Bix-xiehda ta' Joseph Bonnici, u tad-dokumenti eżebiti, il-Qorti tqis li ġie sodisfaċentement pruvat li l-intimat ma kellux titolu validu fil-Liġi u għalhekk kellu jiġi żgumbrat mill-art in kwistjoni.

B'hekk dil-Qorti tqis li t-talbiet huma mistħoqqa.

# DECIDE

**Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; u**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut Christian Borg sabiex fi xahar minn meta din is-sentenza tgħaddi f'ġudikat jiżgombra u jħalli liberu u vojt għaf-favur tas-Soċjeta rikorrenti l-għalqa formanti parti mill-artijiet denominati "Tal-Imgħażel" lmsejħa "Ta' Ħabel Qara'" kif ukoll ta' porzjon ta' strixxa art kontigwa għal dik fuq imsemmija.**

   **Bl-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu wkoll mill-konvenut.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**